FIT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum it-3 t' Ottubru, 2024

Rikors numru: BCT/40/2024

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sersero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Paul Attard

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra r-rikors tal-appell ta' Paul Attard fejn giet ikkontestata d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 3 ta' Gunju, 2024 li permezz taghha l-istess Awtorita` imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' hames mitt euro (€500) in vista ta' ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08 tramite xogholijiet mhux awtorizzati barra mill-hin permissibbli mil-ligi. Permezz ta' tali appell jitressqu s-segwenti aggravji:

i. Illi l-Awtorita` *"naqset milli tindika b'mod car u sewwa liema huwa/huma dak/dawk ir-Regolament/i li skontha inkisru bl-agir tar-rikorrenti".*

ii. Illi penali amministrattiva tista' tigi imposta biss *"fejn ikun hemm ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ewwel u, jew tat-Tieni u,jew tat-Tielet u,jew tar-Raba' Skedi"*

tal-Ligi Sussidjarja 623.08" u *"il-ksur li l-appellata b'mod xott ghall-ahhar tixli lir-rikorrenti bih bid-decizjoni taghha ma jiffigura f'ebda wahda mill-iskedi li ghalihom japplikaw il-penali amministrattivi".*

iii. Ir-Regolament 623.08 imkien ma jivvjetaw *"xogholijiet mhux awtorizzati barra mill-hin permissibbli mil-ligi".*

iv. Illi l-penali amministrattiva meta mqabbla mad-Disa' Skeda tar-Regolamenti tikkorrispondi mal-ksur kontemplet f'regolament 1(d) u 1(a) u r-rikorrenti ma agixxa bi ksur ta' ebda wiehed mill-imsemmi regolamenti u dan state li i) il-31 ta' Mejju, 2024 habat il-Gimgha (u mhux il-Hadd) u mhuwiex jum ta' festa pubblika; u ii) l-appellata xliet lir-rikorrenti b'xogholijiet mhux awtorizati barra mil-hin permissbbli mil-ligi u mhux b'xogholijiet li joholqu hsejjes li jistghu jinstemghu minn barra s-sit barra mil-hin permissibbli mil-ligi.

v. Illi l-appellanti fl-ebda hin ma wettaq xogholijiet minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorita` appellata u x-xogholijiet kollha imwettq ma kienu kagun ta' ebda inkonvenjent.

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

2. *Illi l-appellanti jilmenta li d-decizjoni tal-imposizzjoni tal-penali mill-appellati ma hijiex cara u li hemm dubju liema att minn naha tal-appellanti effettivament inkorra ksur;*

3. *Illi l-Awtorita` appellata indikat il-ksur li huwa "Xogholijiet mhux awtorizzati barra milml-hin permissibbli mil-ligi" liema ksur jirrinentra taht it-Tielet (3) Skeda.*

4. *Illi l-appellata Awtorita` qieghed wkoll tirrileva li l-penali giet imposta ai termini tad-disa' (9) Skeda, ezattament fejn hu indikat "Kwalunkwe ksur iehor tal-obbligazzjonijiet skont l-Ewwel Skeda, it-Tieni, it-Tielet jew ir-Raba' Skeda mhux elenkati f'din l-Iskeda".*

5. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qiegheda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' x-xhieda ta' Ronald Scicluna waqt is-seduta tas-17 ta' Lulju, 2024.

Sema' x-xhieda ta' Paul Attard waqt is-seduta tal-24 ta' Settembru, 2024.

Ra d-dokumenti ezebiti u d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq waqt is-sedua tal-24 ta' Settembru, 2024.

Ra wkoll l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidra

Jirrizulta li l-Awtorita` qed timputa lill-appellant li wettaq jew halla lil min wettaq xogholijiet "*mhux awtorizzati barra mill-hin permissibbli mil-ligi*" u dana bi ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08.

Waqt is-seduta tas-17 ta' Lulju, 2024 l-Awtorita` spjegat li l-ksur li wassal ghall-penali tirrizulta taht it-Tielet Skeda u fil-fatt, tenut kont tal-ksur imputat lill-appellanti, ir-Regolamenti relevanti f'dan il-kaz huma s-segwenti:

IT-TIELET SKEDA
(Regolamenti 6 u 9)
Tnaqqis ta' Tniġġiż
1. Il-ħin permissibli sabiex ***isiru xogħlijiet li joħolqu ħsejjes li jistgħu jinstemgħu minn barra s-sit*** *għandu jkun kif ġej:*

(a) ix-xogħlijiet m'għandhomx jibdew qabel is-sebgħa ta' filgħodu (7:00 am) u għandhom jieqfu fit-tmienja ta' filgħaxija (8:00 pm);

(b) m'għandux ikun permissibli li jiġi wżat:

(i) skavatur mekkaniku b'martell idrawliku; jew

(ii) drill pnewmatiku, qabel is-sebgħa u nofs ta' filgħodu (7:30 am) u wara l-erbgħa ta' wara nofsinhar (4:00 pm) u l-ġurnata kollha fil-Ħdud u l-festi publiċi

(...)

(d) ebda xogħlijiet ta' kostruzzjoni m'għandhom isiru fil-Ħdud u l-festi pubbliċi

(...)

(e) *f'każ ta' emerġenzi x-xogħlijiet jistgħu jsiru fi kwalunkwe ħinijiet oħra għalkemm għandu jkun obbligatorju li l-Awtorità tkun informata fi żmien siegħa mill-ftuħ ta' l-uffiċini tagħha;(f) kull devjazzjoni minn xi dispożizzjoni tal-paragrafi (a), (b), (ċ), (d) u (e) għandhom jeħtieġu l-approvazzjoni ta' l-Awtorità u jistgħu jirrikjedu l-impożizzjoni ta' kondizzjonijiet speċifiċi għal dawn ix-xogħlijiet. Eżenzjonijiet għal xogħlijiet f'żoni turistiċi għandhom jeħtieġu wkoll awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti responsabbli għat-turiżmu* (enfazi mizjuda)

Illi ghaldaqstant huwa car li t-Tielet Skeda timponi limitazzjonijiet fil-hinijiet jew granet li fihom jistghu isiru xogholijiet intizi sabiex jillimitaw l-inkonvenjent ghall-girien u anke lill-pubbliku in generali kif imfisser fit-titolu tal-istess disposizzjoni surreferita. Tali limitazzjonijiet huma imposti b'rabta mal-uzu ta' apparat partikulari, ma' granet li jaqghu Hdud jew festi u hinijiet tal-jum fir-rigward ta' xogholijiet li johoqlu hsejjes li jinstemghu minn barra s-sit u li "*m'għandhomx jibdew qabel is-sebgħa ta' filgħodu (7:00 am) u għandhom jieqfu fit-tmienja ta' filgħaxija (8:00 pm)"*. It-Tribunal isib li x-xilja tal-Awtorita` kienet sufficjentement cara f'dan ir-rigward billi tigwida lill-appellanti proprju ghad-disposizzjonijiet relevanti ghall-kaz koncernanti l-hinijiet li fih jistghu isiru xogholijiet.

It-Tribunal sema' lill-Builing Inspector ifisser illi wara li dahal rapport li kienu qed isiru xogholijiet barra mill-hin permissibbli huwa mar fuq il-post fejn wasal fit-20.35:

"*Fuq il-post sibt it-towercrane li kien qed jahdem dak il-hin, ipparkjajt il-karozza , inzilt, hadt vidjow tat-tower crane qed jahdem, hadt ukoll tas-site faccata fejn kien qed isir ix-xoghol* (…) *X'hin wasalt, bhala hsejjes, smajt il-hsejjes tat-tower crane.* (…) *Nghid illi t-tower crane li*

rreferejt ghalih jidher fit-tielet ritratt bil-kabina tidher ghada mnizzla l' isfel. Nghid illi f'dan il-vidjow li jien nobbliga ruhui li nezebixxi jidher it-tower crane qed jahdem. Jiena tlaqt minn fuq il-post ghall-habta tad-21.00/21.05. (…) *Nobbliga ruhi li sas-seduta li jmiss niccirkola kopja tal-vidjow li hadt u wkoll tar-rapport li jien ghamilt wara l-inspection.*"

It-Tribunal sema' wkoll lill-appellanti ossija l-izviluppatur li, filwaqt li kkonferma li kien qed isiru xogholijiet bl-uzu ta' *power flout* intizi sabiex jillixxja u jghaqqad il-konkos li kien ghadu qed jaghqad minhabba doza hazina ta' retardant, jikkontesta l-allegazzjoni li kien hemm hsejjes li jinstemghu minn barra mis-sit u dana peress li, skont hu, l-power flout "*huwa fan li jillixxja l-konkos u l-hsejjes li jahdem bihom huma ftit u ma jinstemghux minn barra*". Anke mistoqsi "*b'referenza ghax-xhieda ta' Ronald Scicluna, Building Inspector, jekk kienx hemm xi xoghol li jinvolvi t-tower crane u nghid illi t-tower crane ma kienx fih gabina. Nghid illi l-unika xoghol li kien qed isir kien dak li semmejt bil-power flout u cioe` t-tnixxif tal-art.*"

L-Awtorita` ghazlet li ma tikkontro-ezaminax lill-appellant.

Illi t-Tribunal isib li, ghalkemm il-ksur tal-ligi li bih l-appellanti jinsab imputat tirrizulta kjarament mit-Tielet Skeda tal-SLS 523.08 soggetti ghall-penali amministrattiva fost dawk indikati proprju fid-Disa' Skeda, huwa car li, fi kwalunkwe kaz jispetta lill-Awtorita` li tipprova dak minnha imputat lill-izviluppatur, tenut kont tal-kontestazzjoni tal-istes avvanzata mill-appellanti permezz tal-appell tieghu fejn jichad li holoq inkonvenjent. F'dan il-kaz ix-xhieda moghtija mill-Ufficjal u li suppost kellha tigi sorretta, oltre mir-ritratti ezebiti anke minn vidjow footage u mir-rapport maghmul mill-istess ufficjal, tinsab kontestata mill-appellanti proprju fir-rigward tal-punt krucjali koncernanti jekk kenux jinstemghu hsejjes minn barra s-sit. Fil-fatt, jekk l-ufficjal jghid li l-unika hsejjes li sema' kienu dawk gejjin mit-*tower crane*, l-appellanti jghid li l-unika xoghol li kien qed isir kien dak bl-uzu tal-*power flout* li hsejjes ma jaghmilx.

Illi huwa car li, sabiex it-Tribunal jiddetermina jekk hux tassew kien hemm xogholijiet ghaddejjin barra mill-hin permissibbli skont it-Tielet Skeda, tenut li l-gurnata relattiva la kienet il-Hadd u lanqas festa pubblika u lanqas ma saru provi ta' uzu ta' apparat mekkaniku jew pnewmatiku, kien jispetta lill-Awtorita` li tressaq prova cara li tikkonferma l-hsejjes gejjin mix-xogholijiet imwettqin u li jinstemghu barra minnu. L-Awtorita` kienet taf li dan l-aspett kien qed jigi kontestat mill-appellanti sa mir-rikors tal-appell stess fejn hemmhekk ukoll tressaq l-

aggravju li x-xogholijiet ma kenux kagun ta' inkonvenjent imma wkoll waqt ix-xhieda tal-istess ufficjal taghha fejn dan obbliga ruhu li jipprezenta l-evidenza ta' dak li kien qed jixhed dwaru mehuda mis-sit ossija vidjow *footage* u rapport. Mhux biss ma sarx il-kontro-ezami tal-appellanti mill-Awtorita` imma lanqas ma tressqu l-provi li l-ufficjal obbliga ruhu li jressaq a sostenn tax-xhieda tieghu, kontradetta kif inghad, minn dik tal-istess appellanti. Fuq kollox, jekk wiehed jifli sew ix-xhieda tal-ufficjal, isib li dan lanqas biss ikkonferma li l-unici hsejjes li sema' x'hin wasal fuq is-sit (ossija dawk tat-*tower crane*) kienu fil-fatt jinstemghu anke minn barra s-sit.

Fic-cirkostanzi, u fin-nuqqas tal-prova cara tal-hsejjes registrati barra mis-sit tramite l-vijow footage relattiv, it-Tribunal isib li l-Awtorita` ma rnexxielhiex tipprova l-imputazzjoni taghha.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, qiegħed jilqa' l-appell u kwindi jirrevoka d-decizjoni datata 3 ta' Gunju, 2024.

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sersero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru